*Kunsill Lokali Marsaskala*
228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala**

**IS-SEBA LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 76**

**L-Erbgħa 26 ta' Settembru 2018**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala ltaqa' fl-uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 228 Triq is-Salini Marsaskala fis-6:00 ta' filgħaxija.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku
Desiree Attard – Viċi Sindku
Charlot Mifsud – Kunsillier
John Baptist Camilleri- Kunsillier
Charlot Cassar-Kunsillier
Elizabeth Cassar- Kunsillier
Lawrence Ciantar- Kunsillier
Daniel Spiteri – Kunsillier
Sandro Gatt – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Ezekuttiv

**Mario Calleja- Sindku  Desiree Attard-Viċi Sindku Kunsilliera- John B Camilleri, Charlot Mifsud, Charlot Cassar, Elisabeth Cassar, Lawrence Ciantar, Daniel Spiteri, Sandro Gatt.**

**76.1** ***Qari tal-ittri ta' apoloġiji:***

**76.1.1** Is-Segretarju Eżekuttiv informa l-Kunsill illi ma kien hemm l-ebda ittra ta apoloġija.

**76.2** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 74 tat-23 ta' Lulju 2018:***

**76.2.1** *Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni.*

***Il-Kunsillier is-Sinjura Elizabeth Cassar ipproponiet l-approvazzjoni tal-minuti u s-Sur Charlot Mifsud ssekonda. Il-votazzjoni kienet 6 favur, 0 kontra u 1 astenzjoni.***

**Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

**76.2.2** Is-Sindku tkellem fuq paġna 4 artiklu 75.3.4 u qal illi hu flimkien mal-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud attendew laqgħa mal-Wasteserv rigward is-sistema l-ġdida ta' ġbir ta' skart u jidher illi l-borża s-sewda ser tinġabar tlett darbiet fil-ġimgħa fejn il-quddiem trid ukoll tispiċċa.

- ***Il-Viċi Sindku Dr Desiree Attard daħlet għal laqgħa fis-6.15pm.***

Is-Sindku qal illi l-preokupazzjoni tiegħu hija rigward il-ġbir tal-iskart mill-bins fil-lokalita' speċjalment għal fatt illi l-ġabra ta' Nhar ta' Ħadd ser tispiċċa. Hu esprima l-opinjoni illi l-Ħadd xorta jkun hemm il-kollettur illi jiġbor l-iskips umbagħad nitolbu kumpens mill-Wasteserv ta' dan is-servizz. Is-Sindku qal illi kien hemm diversi rappreżentanti minn madwar id-dinja u kien hemm diskussjonijiet tajbin ħafna hu qal illi Malta tinsab fl-aħħar post fl-Ewropa għalhekk min-naħa tagħna tajjeb illi nagħmlu l-almu tagħna sabiex nedukaw ir-residenti ta' Marsaskala u anke tajjeb li issir laqgħa mar-residenti flimkien ma rappreżentant tal-Wasteserv sabiex ikun hemm aktar tagħrif u r-residenti jkunu jistgħu jifhmu aħjar.

Is-Sindku qal illi bħalissa qed jitqassmu erba kontenituri kif ukoll boroż bojod, il-kontenituri ser ikunu wieħed tal-ħġieġ, wieħed tal-plastik, wieħed organiku u ieħor tal-borża s-sewda, pero kif diġa qal il-problema ta' kull nhar ta' Ħadd illi l-bins tal-Lokalita' mhux ser jinġabru ser tibqa il-problema tagħna u għalhekk hu jissuġerixxi li mqar jgħaddi trakk wieħed.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi fil-preżent l-ġbir ta' skart isir minn żewġ trakkijiet ta' kuljum, meta ser ikollna l-ġranet fejn tinġabar il-borża l-griża min ser iħallas il-kuntrattur? Kif ukoll qal illi jekk mhux ser ikollna ġbir ta' skart ta' Kull nhar ta' Ħadd ser ikollna problema u hawn ukoll jistaqsi min ser iħallas lill-kuntrattur?

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa kif ser ikunu jafu n-nies speċjalment tal-appartamenti illi l-appartamenti jkunu tal-kiri meta ser jitqassmu l-kontenituri.

Is-Sindku qal illi ser iħallu nota pero l-kontenituri huma biss għal ġewwa d-djar għaliex barra ser jinħarġu biss il-boroż.

Is-Sindku qal illi aħna fortunati għaliex il-Wasteserv jiġbru l-kartun u l-boroż oranġjo pero` mill-ħwienet pero hemm bżonn li nitkellmu magħhom rigward il-ġbir tal-bins u nisuġerixxu illi jinġabru mill-kuntrattur tagħna u huma jtuna kumpens.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hemm problema ukoll fuq l-enforcement li ser ikun għal min ma jkunx qed jirriċikla kif suppost.

Is-Sindku qal illi ser ikun hemm pieni ħorox għal min jinqabad jabbuża.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal illi l-ġbir tal-borża organika ser issir il-Ġimgħa imbagħad it-Tnejn ta' wara u jaħseb li din hija problema għaliex l-borża organika ser tintenn speċjalment għal dawk illi m'għandhomx gallarija jew bitħa fejn titpoġġa din il-borża.

Is-Sindku qal illi l-kontenitur tal-borża organika hija magħmula apposta sabiex ma jgħaddux irwejjaħ minnha.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi jekk huma l-istess kontenituri bħal ma ilhom jużaw ġewwa Ghawdex dawn huma zgħar ħafna sabiex iżommu l-iskart organiku tal-*weekend* kollu.

Is-Sindku qal illi aħna bħala Kunsill ma irridux nibdew naqtgħu qalbna li din il-bidla ma tistax isseħħ għaliex hemm nkunu qed ngħatu eżempju ħażin lir-residenti tal-Lokal. Is-Sindku qal ukoll li kieku r-residenti jiddisponu mill-iskart tagħhom kif suppost żgur illi bilkemm jifdlilhom skart organiku.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi hemm Lokalitajiet illi ilhom li bdew din l-iskema sentejn u ħadmet allura ma jarax għaliex m'għandiex taħdem għalina.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi hemm problema oħra fejn kull nhar ta' Tnejn ser tinġabar il-borża organika kif ukoll il-borża s-sewda liema waħda ser tinġabar l-ewwel. Is-Sur Ciantar qal illi meta jkun hemm il-ġabra tal-borża l-griża kif ukoll tal-borża s-sewda l-ġabra tal-borża s-sewda titlesta sa nofsinhar u dik griża tibqa sal-5:00pm sabiex tinġabar u jekk dan ser ikun il-każ għal borża s-sewda u organika ser ikollna problema kbir u jekk dan jigri b'żewġ trakkijiet allura hemm bżonn illi jkollna erba trakkijiet fil-Lokal fil-ġranet tal-organiku u l-borża s-sewda.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Wasteserv bgħatu jinformaw li jrid jiġi iffirmat kuntratt bejn il-Kunsill, il-Wasteserv u l-kuntrattur tal-ġbir ta' skart u għalhekk tajjeb ninfurmaw lill-kuntrattur tagħna illi hemm bżonn ta' aktar trakkijiet u l-ħadd sabiex jiġi wieħed jiġbor il-bins tal-promenade.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi f'lokalitajiet bħal San Pawl, Marsaxlokk, San Ġiljan u hemm lokalitajiet oħra illi l-bins jiġu mbattla mill-Cleansing Department u nistgħu nistaqsu jekk jistgħux jiġu huma minflok il-kuntrattur tagħna għaliex l-ispiża tkun inqas min dik tal-kuntrattur tagħna.

Kien hemm qbil unanimu illi ssir laqgħa mal-Wasteserv u l-kunttrattur filwaqt li nistaqsu lil Cleansing Department separatament.

**76.2.3** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 5 artiklu 75.7.1 u staqsa jekk bgħatnix l-ittra tagħna lill-Onor Chris Aguis rigward il-pjan Lokali fil-Lokalita' ta' Marsaskala.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-ittra nbgħatet lill-Onor Chris Aguis kif ukoll lill-Ministru Ian Borġ u l-Ministru Jose Herrera u rċivejna *Acknowledgement letter*.

**76.3** ***Komunikazzjoni mis-Sindku:***

**76.3.1** **POC 292/2018 - Ċirkulari Numru 8/2018 - Concession Template:**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Kunsill irċieva din il-korrispondenza min naħa tad-Dipartiment fejn l-ERA ħarġet direttiva illi l-Kunsill illi ma ħarġux tender tal-ġbir ta' skart separat kif suppost jew għadu mhux iffirmat jew inkella skada dawn kollha iridu joħorġu *concession* sat-30 ta' Settembru 2018.

Sar qbil illi niċċekjaw mad-Dipartiment għaliex meta l-Kunsill ħareġ din is-sejħa kienet konformi mar-rikwiżiti li talab id-Dipartiment u allura irridu naraw jekk il-Kunsill xorta waħda jrid joħroġ din il-*concession*.

**76.3.2** **Talba mingħand l-Assistent Prinċipal is-Sinjura Claire Attard sabiex tiġi full time:**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi s-Sinjura Claire Attard ser terġgħa tidħol full time mill-bidu t'Ottubru.

Kien hemm qbil unanimu.

**76.3.3** **Flight tickets għal-Vienna mid-9 sal-11 ta' Novembru 2016 għas-Sindku u l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud (35/3682/18/I):**

Is-Sindku qal illi l-Presidenza tal-Unjoni Ewropeja għas-sena d-dieħla ser issir ġewwa L-Awstrija u b'hekk xtaqu illi ssir laqgħa tas-Sindki minn kull lokal membru Stat f'Novembru li ġej. Din il-laqgħa ser issir f`*Judenburg* u peress li dan il-Lokal huwa membru fid-Douzelage huma għażlu l-lokal ta' Marsaskala. Dawn talbu wkoll persuna oħra mas-Sindku. Dan ta` l-aħħar kkonsulta mal-maġġoranza tal-Kunsilliera jekk kienux interessati li jmorru u għażel il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud biex jikkumpanjah.

Kien hemm qbil dwar dan.

**76.3.4** **Applikazzjoni PA 79_18 Triq il-Qawsalla ma Triq il-Qaliet (35/3730/18/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi ġejna infurmati illi hemm applikazzjoni sabiex isir alignment ta' bankina fi Triq il-Qawsalla k/m Triq il-Qaliet u ser titwessa l-bankina.

Il-Kunsill qabel dwar dan.

**76.3.5** **Sejħa għall-offerti kuntratt tat-tiswija ta' dawl tat-toroq:**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi r-Reġjun ilu jinfurmana illi ser jinħareġ tender ġdid rigward it-tiswija tad-dawl tat-toroq sabiex jara minu interessat jissieħeb mar-Reġjun Xlokk u allura l-kuntratt mal-Kumitat Konġunt li kien jeżisti ser jibqa jopera sakemm jiġi aġġudikat it-tender li ser jinħareġ min naħa tar-Reġjun.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi infurma lir-Reġjun illi l-Kunsill ser ikun qed jissieħeb magħhom u talab l-abbozz tas-sejħa għall-offerti sabiex inkunu ċerti illi hemm l-ispeċifikazzjonijiet kollha li jkollna bżonn. Dan wara li ġie kkonfermat li l-Kumitat Konġunt preżenti tad-dawl ser jispiċċa.

Il-Kunsill qabel unanimament.

**76.5** **Rapporti:**

**76.5.1** **Aġġudikazzjonital-kwotazzjoni MLC 02/2018 Cleaning of Council premises and other premises:**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi l-kwotazzjoni tat-tindif tal-uffiċini tal-Kunsill skadit u għalhekk inħarġet kwotazzjoni oħra u kellna biss kwotazzjoni waħda dik mingħand RACS Cleaning bl-ammont ta' Eur10 incl VAT. Il-Kuntratt huwa għall tlett snin. Inħarġet mhux bis-sistema tal-EPPS għaliex l-ammont jaqa taħt *direct order*.

Il-Kunsill qabel unanimament.

76.5.2 **Aġġudikazzjoni tat-Tender KLM 2018/02: Professional Services of an Architect to the Marsaskala Local Council:**

Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-evalwazzjoni tal-Bord rigward it-tender tal-Perit tal-Kunsill u wara li dan ġie *technically, administratively and financially complaint* kif ukoll l-orħos offerta kien hemm qbil illi din is-sejħa tingħata lill-Perit William Lewis.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi dan il-Perit mhux dejjem mexa tajjeb mal-Kunsill u għalhekk hu jħoss illi jekk dan jerġgħa jsir għandhom jinħarġu *default notices.*

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi kieku l-Kunsill kien ħareġ dawn id-default notices meta l-Perit beda jonqos mix-xogħol lejn il-Kunsill kieku dawn setgħu ġew ippreżentati waqt l-aġġudikazzjoni tat-tender imma la darba dawn qatt ma nħarġu ma setgħux jagħmlu impatt fuq id-deċiżjoni finali. Is-Sur Ciantar qal illi hu mhux kuntent u ser jastjeni milli jivvota.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi bħalissa x-xogħol miexi ġmielu u l-Perit Audrey Anne qed tagħmel ħafna xogħol anke fejn jidħol xogħol ta' bankini u saħansitra ġieli marret erba darbiet tiċċekja x-xogħol fuq l-istess bankina, qal ukoll illi t-tender tal-bini tal-Kunsill wasal fl-aħħar stadji qabel jinħareġ.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi anke jekk hu tkellem ħafna fuq in-nuqqasijiet ta' dan il-Perit la darba l-board qed jirrakomanda lill Perit William Lewis għaliex huwa l-orħos offerent kif ukoll għandu r-rekwiżiti kollha mitluba ma jista jagħmel xejn ħlief li jispera li l-affarijiet jinbidlu.

Il-Kunsill ħa votazzjoni rigward l-aġġudikazzjoni tat-tender tal-Perit. Il-vot kien kif ġej:

Favur- Is-Sindku s-Sur Mario Calleja, il-Viċi Sindku Dr Desiree Attard, il-Kunsilliera is-Sinjura Elizabeth Cassar, is-Sur Charlot Mifsud, is-Sur Daniel Spiteri, is-Sur Charlot Cassar, is-Sur John B Camilleri, is-Sur Sandro Gatt.

Kontra- 0 vot.

Astenzjoni- Is-Sur Lawrence Ciantar fejn qal illi qed jastjeni għaliex kemm il-darba kien hemm lok fejn jinħareġ default notice minħabba nuqqasijiet min naħa tal-Perit u dawn qatt ma nħarġu allura ma setgħu qatt jiġu ppreżentati lill-Bord.

* Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi jixtieq jinforma lill-Kunsill illi qed ikollu ħafna nies illi jitolbu l-bozzoz ġewwa għelieqi fejn dawn mhux suppost li jsiru fejn ma joqgħodux nies iżda hemm biss għalqa, għaliex dan qed jispiċċa jħallas għalihom il-Kunsill u saħaq li hemm bżonn li ssir policy ħalli dan ma jibqax isir.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi fi trejqiet li tgħaddi għal għelieqi jħoss li għandhom isiru bozzoz.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi fl-għelieqi ma jsirx dawl lanqas l-Enemalta ma taċċetta li tagħmlu min naħa tagħha allura kif qed nispiċċaw naċċettaw aħna u jħallas għalihom il-Kunsill. Is-Sur Camilleri qal illi ser jibgħat siteplan lill-Kunsilliera sabiex jispjega aħjar x'qiegħed jgħid.

- **Il-Kunsillier is-Sur John Camilleri ħareġ mil-laqgħa fis-7:30pm.**
- **Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar daħa għal laqgħa fis-7:30pm.**

## 76.7 Korrispondenza

### 76.7.1 Proposta mit-TCTC għal-korsijiet tax-xitwa li jibdew f'Jannar 2019 (35/3641/18/I):

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi bħal kull sena it-TCTC bgħat jinforma lill-Kunsill bil-korsijiet li ser jibdew isiru din is-sena u jidher illi l-korsijiet żdiedu min snin ta' qabel.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal illi tajjeb li ma nibqgħux nagħżlu korsijiet tal-ECDL għaliex dan ser jiġi null u għalhekk tajjeb nagħżlu korsijiet oħra.

Il-Kunsill qabel unanimament illi jingħataw il-korsijiet bażiċi biss bħal tas-soltu.

**76.7.2** **<u>Pjanta mil-Perit tal-Kunsill fir-rigward tat-Traffic Management taħt il-knisja (35/3666/18/I):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi wara li għamilna s-survey tat-traffic management, il-Perit William Lewis għamel pjanta  u ressaqnija quddiem it-Transport Malta u la darba jkollna approvazzjoni nibdew bl-implimentazzjoni.

**76.7.3** **<u>Stedina lis-Sindku u membru ieħor biex jattendu għal laqgħat f'Judenburg qabel ma tieħu l-presidenza (35/3590/18/I):</u>**

Dan il-punt ġie diskuss diġa f'punt 76.3.3.

**76.7.4** **<u>Korrispondenza mil-AKL rigward il-possibilita' li jitħallsu l-kontijiet tad-dawl u l-ilma fil-Kunsilli Lokali (35/3543/18/I):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi rċievejna korrispondenza min naħa tad-Dipartiment fejn qed tistaqsi liema huma l-Kunsilli interessati illi jibdew jgħatu s-servizz tal-ħlas tal-kontijiet tad-dawl u l-ilma.  Is-Segretarju Eżekuttiv żied jgħid li l-post preżenti huwa limitat ħafna minħabba li hawn ħafna xogħol diġa u l-post huwa zgħir wisq.

Is-Sindku qal illi l-customer care diġa għandhom ħafna xogħol li mhumiex qed ileħqu miegħu u jekk ser inżidu dan is-servizz ser ikun ta piż fuq il-ħaddiema. Hu kompla jgħid li m'hemmx spazju biżżejjed kif ukoll jibza mill-ammonti ta` flus meta m` hemmx sigurta kif suppost.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi l-Kunsill għandu joffri servizzi sabiex jaqdi lir-residenti imqar darba fil-ġimgħa, kompla jgħid illi hu ħa gost meta ra li impjegata mill-Kunsill iddeċiedit li tibda taħdem ħinijiet itwal għaliex dan jgħin ukoll fis-servizzi li nistgħu ngħatu lir-residenti.

Il-Viċi Sindku Dr Desiree' Attard qalet illi hu taqbel ukoll li jkollna dan is-servizz ġewwa l-Kunsill anke jekk ikun biss ta' darba f'ġimgħa.

Il-Kunsill qabel unanimament illi nibgħatu lid-Dipartiment illi interessati noffru s-servizz darba fil-ġimgħa bejn it-8:30am u l-10:00am.

**76.7.5** **<u>Korrispondenza mil-AKL dwar inizjattiva għotja ta' demm (35/3544/18/I):</u>**

Il-Kunsill mhuwiex interessat li jipparteċipa f'din l-inizjattiva.

**76.7.6** **<u>PA 722/13 –Proposta ta' kiosk fil-Bajja ta' San Tumas Sensi.  Din il-proposta kienet diġa ġiet diskussa diversi drabi fil-Kunsill.  Il-Kunsill kien oġġezzjona fil-passat fuq it-tinda (35/3433/18/I):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv Is-Sur Josef Grech qal illi hu diġa tefa l-oġġezzjoni tal-Kunsill kemm fuq l-applikazzjoni inizjali kif ukoll din preżenti.

Il-Viċi Sindku Dr Desiree' Attard staqsiet jekk nafux kienx hemm xi żvilupp.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ser jiċċekja x'kienet id-deċizzjoni finali.

**76.7.7** **PA6604/18 – Taba għal estensjoni tal-Petrol Station fi Triq Sant Antnin (35/3391/18/O):**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi hu tefa l-oġġezzjoni sabiex jirriserva id-dritt għal kummenti tal-Kunsill, hu qal illi skond l-applikazzjoni hemm estenzjoni illi apparti l-Fuel station issir fosthom car wash, parking, canope, ATM,2 garaxxijiet, ħanut kif ukoll fejn isir VRT apparti min hekk fl-applikazzjoni hawn mniżżel relokazzjoni ta' xi affarijiet.

Is-Sindku qal illi la darba qbilna li ssir pompa tal-petrol ma jarax għalfejn għandna noġezzjonaw għal-car wash.

Il-Viċi Sindku Dr Desiree' Attard qalet illi dan imur kontra l-fuel station policy skond l-ittra miktuba min Dr Natalino Caruana de Brincat għal klijent tiegħu.

Ittieħed vot rigward l-estensjoni tal-Petrol Station u kien kif ġej:

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri għamel premessa qabel ma ħareġ mil-laqgħa illi kemm il-darba jittieħed vot rigward l-Applikazzjoni PA 6604/18 hu kien ser jivvota kontra għaliex l-area hi art ODZ kif ukoll illi ser issir car wash ftit il-bogħod mir-residenzi tan-nies.

Favur- is-Sindku s-Sur Mario Calleja, il-Kunsilliera s-Sur Charlot Mifsud, is-Sinjura Elizabeth Cassar.

Kontra- Il-Viċi Sindku Dr Desiree Attard, il-Kunsilliera is-Sur Charlot Cassar, is-Sur Daniel Spiteri, is-Sur Lawrence Ciantar, is-Sur Sandro Gatt, is-Sur John B Camilleri.

Il-Viċi Sindku Dr Desiree Attard qalet illi l-estensjoni hija kontra l-fuel station policy u l-Gvern għadu kif ħabbar li l-ebda fuel stations b'extension ma jiġu aċċettati sakemm ikun hemm policy ġdida, kif ukoll illi ma jsir l-ebda proġett ieħor f'ODZ qabel ma ssir il-policy, kompliet tgħid illi hija ta periklu ukoll għar-residenti li joqgħodu fil-viċin għaliex ser issir relocation ta' ħafna affarijiet.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi jekk sar l-EIA fl-aspett tal-applikazzjoni preċedenti għandha ssir EIA ġdida fid-dawl tal-fatt illi ser ikun hemm l-applikazzjoni preżenti li qed titlob relocation ta' xi servizzi.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi hu jissekonda lil Dr Desiree Attard u lill-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar u qal illi l-art hija ODZ u fil-prinċipju hija ġa ħażina li issir petrol station hemmhekk.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja, il-Kunsilliera is-Sinjura Elizabeth Cassar u s-Sur Charlot Mifsud qalu illi huma ma jsibux oġġezzjoni illi l-estensjoni tal-fuel station tkun biss ta' *car wash.*

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt qal illi l-aħħar li ddiskutejna l-Petrol station tkellimna ukoll fuq l-impatt li ser tħalli fuq it-traffiku f'Marsaskala.

**76.7.8** **Korrispondenza minn resident fuq Żonqor playingfield minħabba l-istorbju peress li l-ġnien qed jibqa miftuħ (35/3672/18/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi resident bgħat ittra lill-Kunsill kif ukoll lill-Ministri Onor Owen Bonnici u Onor Silvio Parnis fejn qed jgħid illi l-ġnien taż-Żonqor għandu jingħalaq f'xi ħin fil-ġurnata minħabba l-istorbju li qiegħed jiskomoda lir-residenti fil-madwar.

Is-Sindku qal illi għalkemm jixtieq li jgħin lil dan ir-resident iħoss illi ma jkunx sew lanqas li jkun hemm in-nies il-bandli u tkeċċijom il-barra sabiex tagħlaq.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi qabel ma sar il-ġnien kien hemm żmien fejn min ried jitfa xi suġġerimenti jew oġezzjonijiet kellu ċ-ċans li jgħamel dan lil Pauthority għaliex il-Kunsill kien applika lil PA.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal illi l-bandli ilu hemm mill-1984 qabel ma kien hemm appartamenti mibnija allura din hija deċiżżjoni li wieħed jieħu meta jiddeċiedi li jixtri propjeta' viċin ta' bandli.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kellu ukoll xi ilment rigward l-gates tal-bandli fejn infurmajnih li dawn ser jinbidlu u jsiru kif suppost.

Kien hemm qbil illi l-bandli jibqa aċċessibli kif inhu fil-preżent.

**76.7.9** **<u>Talba mil-kuntrattur Catbros għal żieda f'xi rati wara li għolew ir-rati ta' fejn jintrema l-iskart (35/3582/18/I):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi wara li bgħatna l-oġġezzjoni tagħna lill-Kuntrattur Catbros rigward iż-żieda fl-għoli tar-rati, is-Sur Muscat reġgħa bgħatilna rati riveduti li huma ħafna irħas min dawk preċedenti.

Il-Kunsillier is-Sur Lawence Ciantar qal illi meta tafa r-rata tiegħu ikkomparata mar-rata li tefa l-kuntrattur Karmig u inkluż dawn ir-rati l-ġodda staqsa lis-Segretarju Eżekuttiv jekk ser jiġi viċin ħafna it-tieni offerent jekk mhux għola u allura t-talba tiegħu ma tistax tiġi aċċettata.

Kien hemm qbil illi minħabba l-fatt illi bir-rati l-ġodda l-kuntrattur ser ikun hemm ċans li jkun għola mit-tieni offerent din iż-żieda ma tingħatax.

**76.7.10** **<u>Proposta għas-sottomissjoni tal-applikazzjoni tal-GAL Xlokk mingħand Funding support (35/3640/18/I):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi dan huwa l-proġett illi l-Kunsill ser japplika għalih fi Ġnien Sant'Anna, kompla jgħid illi s-Sinjura Alison Schembri kienet lesta li tagħmel l-applikazzjoni għal dan il-proġett bi ħlas pero mbagħad il-MEUSAC infurmawna li huma lesti li jagħmlu din l-applikazzjoni bla ħlas allura l-Kunsill iddeċieda li l-applikazzjoni issir mill-MEUSAC u bħalissa qed nistennew lill-Perit sabiex tagħmel il-BOQ's.

**76.8** **<u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskema ta' pagamenti:</u>**

**76.8.1** Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill bl-*invoices* li daħlu tard u ser jippreżenthom waqt il-laqgħa:

| Kreditur | Deskrizzjoni | Nru tal-Invoice | Ammont |
|---|---|---|---|
| Mr Brian Farrugia | Sound system for opening of Gnien Alfred Debono | 206 | €150.00 |
| Ms Elizabeth Cassar | Refund of expenses flowers for Jum Marsaskala | | €30.00 |
| Catrbos Ltd | Pavements works in Triq il-Buzbiez, Dawret it-Torri, foothpath works Triq il-Kavallieri ta' Malta, Triq il-Gross | 213/18<br>216/18<br>215/18<br>214/18 | €20.915.15 |
| Nexos Street lighting | Street lighting | 1416 | €2422.95 |
| Nexos Street lighting | Access to use SLPM reporting system for year 2018 | 2011292 | €233.00 |

**76.8.2** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-Petty cash tax-xahar t'Awwissu 2018.

***Il-Kunsillier is-Sinjura Elizabeth Cassar ippropona l-awtorizazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt issekondat. Il-votazzjoni kienet 8 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni***

**76.9** **<u>Mozzjonijiet:</u>**

**<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier- is-Sur John Baptist Camilleri (172-19/9/18)</u>**

''Jipproponi sabiex il-Kunsill jitlob konsultazzjoni mal-Perit sabiex ikun diskuss fid-dettal jekk hux possibli tiġi inkorporata lattrina zgħira fil-bandli Alfred Debono, bil-għan li jekk teknikament tista ssir niproċedu bix-xogħol.''

Din il-mozzjoni ser tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss peress li is-Sur John B Camilleri ħareġ mil-laqgħa qabel ma ġiet diskussa din il-mozzjoni.

* Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt staqsa jekk kienx hemm xi korrispondenza li rċieva l-Kunsill rigward il-yacht marina.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għadna ma rċevejna xejn pero ser nerġgħu nibgħatulhom.

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt qal li importanti naraw x'inhu jsir u nżommu l-Kunsill infurmat.

* Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi jixtieq juri t-tħassib tiegħu rigward is-simenta fejn din ġiet ikapparata minn dgħajjes kbar ħafna u l-bajja ġiet mgħottija bihom u l-Kunsill għandu jibda diskussjonijiet fejn dgħajjes ta ċertu qis biss ikunu jistgħu jużaw din is-simenta.

Is-Sindku qal illi ħmieġ ma hemmx pero jaqbel illi hemm dgħajjes kbar.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi qabel kien hemm sinjali ta' kif kellhom jitpoġġew id-dgħajjes u kienet fuq is-sistema ta' first come first served basis.

Is-Sindku qal illi għandna ngħidu ukoll illi ħadd m'għandu jtella dgħajsa mingħajr karru.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal illi bl-istess mod li neħħejna l-caravans li hu jaqbel perfettament li kellhom jitneħħew għandna nużaw l-istess prinċipju f'dan il-każ u kull min għandu dgħajsa għandu jpoġġija f'boat yard.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi hu jaqbel ma s-Sur Daniel Spiteri.

Is-Sindku qal illi diġa provajna nagħmlu dan meta kien ser ikun hemm il-proġett ta' faċċata tal-knisja u kien hemm polemika sħiħa u kienet diffiċli immens.

* Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi darba kienet għaddiet mozzjoni rigward in-*neutering* tal-qtates pero jidher li waqaf kollox u fil-Lokal reġa hawn ħafna *stray cats*.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi qabel kellna persuna li kienet tiġbor il-qtates, toħodhom għal operazzjoni u żżommhom għandha sakemm ikunu tajbin biżżejjed biex terġgħa titlaqhom, pero diffiċli ħafna li ssib persuna li tagħmel dan ix-xogħol.

Kien hemm qbil unanimu illi nikkuntattjaw lill-*Animal welfare.*

* Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt qal illi hu jisuġerixxi illi peress li l-Lokal ta' Marsaskala ser tkun qed tospita l-AGM tad-Douzelage fis-sena 2022 għandhom jibdew isiru preparamenti għalkemm f'Mejju li ġej ser issir l-elezzjoni tal-Kunsill u jiddependi mil-leġislatura l-ġdida u jittieħdu d-deċiżjonjiet nistgħu minn issa naħsbu għal din l-attivita' kbira li ser issir.

Is-Sindku qal illi diġa ġie deċiż illi jitwarbu ammont ta' flus għal dan l-avveniment.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi jrid iġib concession mid-Dipartiment għaliex il-Kunsill ma jistgħax jonfoq aktar min €3500 fuq ġemellaġġi.

Il-Kunsillier is-Sur Sandor Gatt qal illi dan mhux ġemellaġġ tas-soltu, l-lokal ser ikun qed jospita 27 pajjiż min madwar id-dinja.

Kien hemm qbil unanimu li nibdew bil-preparamenti.

**76.10 <u>Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss :</u>**

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fid-8.40pm. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir Nhar l-Erbgħa 31 ta' Ottubru 2018 fis-6:00pm.

Ikkonfermat illum 26 ta' Settembru 2018.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| ________________ | ________________ |
| **Josef Grech** | **Mario Calleja** |
| Segretarju Ezekuttiv | Sindku |